**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 573/18 CZ**

**Stephanie Vella Zammit f'isem id-ditta Medimports**

**vs**

**Keith Scerri f'isem id-ditta Healthplus, u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2019 il-kliem 'ditta Healthplus' gie sostitwit bil-kliem 'Health Plaza Limited'**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici mressqa fit-12 ta' Dicembru 2018 u li permezz taghha premettiet:

Id-ditta Medimports kienet tbiegh prodotti kosmetici u ohrajn lid-ditta Healthplus immexxija mill-konvenut. Minn Jannar 2011 sa Ottubru 2014 din ghamlet b'kemm jiswew €4,786.69 f'ordnijiet kif ukoll prodotti originarjament 'on consignment' fl-ammont ta' €234.02 (21 Nov. 2013) li nbiegh izda ma thallasx, li b'kollox ghamlu €5,020.71 (Dok. A1 – A5) sa Ottobru 2014 ilahhqu €4,637.34 (Dok. B) b'mod li fadal bilanc ta' €383.37 (Dok. C).

Il-konvenut b'cekk tal-20 ta' Lulju 2016 offra li jhallas nofs il-bilanc dovut - €192.09 – (Dok. D) per saldu, li ma kienx accettabbli,u ghalkemm interpellat ihallas l-ammont kollu douvt, baqa' inadempjenti

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat kawtelatorju numru 1073/2019, maghduda dawk tal-ittri bonarji tas-7 ta' Settembru 2016, tat-2 ta' Settembru 2016, u tal-14 t'Ottubru 2016, u bl-imghax mid-data tal-kunsinna tal-prodotti sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Illi permezz ta' risposta prezentata fil-15 ta' Jannar 2019, il-konvenut nomine wiegeb, fost risposti ohra, illi:

*omissis*

Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talba attrici hija preskritta abbazi tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16

*omissis*

Illi l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tinghata sentenza dwar l-appena msemmija eccezzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra li l-partijiet qablu li tigi deciza t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine qabel xejn;

Sema x-xiehda ta' Keith Scerri[1], u l-kontro-ezami tal-istess Keith Scerri[2], u l-attrici[3].

Ra d-dokumenti prezentati.

Sema' dak verbalizzat mill-abbli avukat difensur tal-konvenut nomine fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2019, u ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici nomine.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni.

Ikkunsidra:

Illi n-negozju ta' bejn l-attrici nomine u l-konvenut nomine kien dak ta' bejgh ta' kosmetici. Dan hekk kif jidher anke mill-kuntratt esebit mill-konvnut nomine stess a fol. 16 tal-process, li jipprovdi specifikament anke ghal 'make-up and perfumes on consignment'. Il-kuntratt b'mod generiku izda jipprovdi wkoll illi l-iskop tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet huwa illi l-attrici nomine tbiegh materjal lill-konvenut nomine, bil-hsieb li dan ta' l-ahhar ibieghu lil haddiehor.

Illi l-preskrizzjoni li qed jinvoka l-konvenut nomine hija dik tat-tmintax –il xahar, u jsemmi fil-fatt l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

[1] Fol. 24
[2] Fol. 34, u 44
[3] Fol. 46

> 2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:
> (a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

Illi minn dak li ra t-Tribunal mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet u mill-provi esebiti u mix-xiehda, l-oggetti li nbieghu mill-attrici nomine lill-konvenut nomine ma jaqghux taht xi wahda mill-kategoriji imsemmija fl-appena citat sub-artikolu; dan ghaliex il-bejgh ta' materjal lest bhal prodotti kosmetici mhuwiex xoghol ta' sengha jew arti mekkanika li l-ligi qed tipprovdi ghalihom f'dan is-sub-artikolu partikolari. Meta l-ligi f'dan is-sub-artikolu kienet qed issemmi, b'mod inklussiv u mhux ezawrjenti, xi persuni li huma tas-sengha, bhall-hajjata u l-iskrapar, kienet qed taghti indikazzjoni ta' liema tip ta' xoghol trid tkopri permezz ta' dan is-sub-artikolu partikolari. It-Tribunal itenni ill f'dak illi ra mill-atti, ir-relazzjoni ta' negozju ta' bejn il-partijiet ma taqax taht l-attivita' imsemmija fis-sub-artikolu citat, u ghalhekk din l-eccezzjoni partikolari ma tistax tregi.

Illi bi zieda ma' dan, it-Tribunal ma jistax minn jeddu jfittex hu xi tip ta' preskrizzjoni ohra li tista' tapplika ghal dan il-kaz, u ghalhekk sejjer jistrieh biss fuq il-fatt, ghall-fini ta' decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni, illi din il-preskrizzjoni partikolari maghzula mill-konvenut nomine ghad-difiza tieghu, ma tregix.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni mressqa mill-konvenut nomine billi jichadha u jordna l-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez ta' dan l-episodju qed ikunu riservati ghall-gudizzju finali.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur

<Sentenza in parte>